**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 14 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 44/2011(JVC)**

**Malta Industrial Parks Limited**

**Vs**

**Cassar Weaving Limited; Anthony Cassar u Bella Claudia Nicoletta Cassar**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

1. Illi s-socjeta' konvenuta Cassar Weaving Limited kienet tokkupa l-fabbrika ittra "E" fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija minfejn hija giet zgumbrata;

2. Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat tal-10 ta' Novembru 2004, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata "Dok. A", l-imsemmija socjeta' ikkostitwixxiet ruhha veru, cert u likwidu debitur tal-istanti fl-ammont ta' wiehed u erbghin elf hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm41,522.56) ekwivalenti ghal sitta u disghin elf seba' mija u wiehed u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmu (€96,721.55);

3. Illi in kawtela tal-hlas ta' tali somma, is-socjeta' konvenuta kkostitwixxiet ipoteka generali fuq il-beni taghha fil-waqt li l-konvenuti l-ohra kkostitwixxew rwiehhom garanti "flimkien, bejniethom u mad-debitrici" u kkostitwew favur l-istanti ipoteka specjali fuq bicca art fil-Munxar immarkata bin-numru sitta (6) fuq pjanta annessa ma' Att tan-Nutar Silvio Hili tad-29 ta' Novembru

1997, liema plot fiha l-kejl ta' cirka mija u sebgha u tmenin metru kwadru (187m$^2$) u tikkonfina mit-tramuntana ma' Xlendi Road, mil-lvant ma' beni ta' Joseph Bonnici u mill-punent ma' beni ta' Joseph Scerri, jew l-aventi kawza minnhom jew irjieh verjuri, liema plot huwa proprjeta' tal-konvenuti konjugi Cassar;

4. Illi s-socjeta' konvenuta sal-lum hija debitrici tas-socjeta' esponenti fl-ammont ta' hamsa u tmenin elf mitejn u sebgha u ghoxrin euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,227.71) liema ammont jirraprezenta bilanc minn somma akbar ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika sopra deskritta;

5. Illi stante li s-socjeta' konvenuta baqghet moruza fil-hlas ta' tali ammont, kellha ssir din il-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta' konvenuta, hi debitrici tal-istanti fl-ammont ta' €85,227.71 u kwindi ghandha tigi kkundannata thallas tali ammont filwaqt li l-konvenuti l-ohra konjugi Cassar bhala garanti ghal tali debitu, ghandhom jigu kkundannati ghall-hlas kemm-il darba s-socjeta' konvenuta tibqa' moruza;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Cassar Weaving Limited bhala debitrici tal-istanti fl-ammont ta' €85,227.71 u l-konvenuti Anthony Cassar u Bella Claudia Nicoletta Cassar garanti ghal tali ammont;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istanti s-somma ta' €85,227.71;

Bl-imghax u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata fejn il-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija wahda vizzjata u ghaldaqstant nulla u dan stante illi socjeta' attrici naqset

milli tosserva dak espress fl-Artikolu 2072, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li ma sejhitx lid-debitur ewlieni biex ihallas id-dejn u lill-konvenuta bi protest gudizzjarju biex jew thallas id-dejn jew titlaq il-proprjeta';

2. Illi noltre l-kawza kellha tinfetah wara li jghaddu tletin jum min-notifika tal-protest, hekk kif deskritt fl-art. 2072 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Preliminarjament ukoll, il-konvenuta tinqeda bil-beneficcju tal-eskussjoni taht l-art. 2073 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li ma hijiex marbuta personalment ghad-dejn tad-debitrici;

4. Fil-mertu, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-konvenuta ma hijiex debitrici tas-socjeta' attrici stante li hi ma ntrabtietx b'mod personali biex taghmel tajjeb ghad-dejn tad-debitrici ewlenija izda ntrabtet biss *propter rem*;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta' attrici in subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Cassar (fol. 53), li ghalkemm debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta guramentata, fejn iddikjara kif isegwi:

'Illi permezz taghha filwaqt illi jirrileva illi huwa terz pussessur u mhux personalment responsabbli ghad-dejn reklamat mill-kumpanija attrici Malta Industrial Parks Limited billi huwa biss sid ta' proprjeta' ossia l-porzjon ta' art fil-limiti tal-Muxar, Ghawdex li thares fuq Xlendi Road, senjatament il-plot bin-numru (6) ta' l-arja superficjali ta' cirka mija tmienja u sebghin metru kwadru (187m.k.);

Illi ghalhekk u ai termini ta' l-artikolu 2071 *et sequitur* tal-Kodici Civili qieghed bil-prezenti, jitlaq, minghajr ebda riserva, l-immobbli msemmi ossija l-porzjon ta' art fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex li thares fuq Xlendi Road, senjatament il-plot bin-numru sitta (6) ta' l-arja superficjali ta' cirka mija tmienja u sebghin metru kwadru (187 m.k.)

Dan a favur tal-kumpanija attrici Malta Industrial Parks Limited u sabiex il-konvenuti kollha jigu liberati mill-pretensjonijiet kollha ta' l-istess socjeta' attrici f'din l-istanza.

Dan qed isir a saldu ta' kull pretensjoni tas-socjeta' attrici kontra l-konvenuti kollha.'

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Frar, 2012 gie dikjarat minn din il-Qorti kif diversament preseduta kif isegwi:

'Dr. Daniela Cassar for plaintiff company requests that in view of the fact that the defendant company Cassar Weaving Limited is being liquidated and that Dr Mario Scerri has been nominated as liquidator all the acts of the case be notified to Dr. Mario Scerri.

The Court:

Accedes to the request and orders that Dr. Mario Scerri is notified with all the acts.

Dr. Mario Scerri present in the hall declares that he has taken cognizance of the acts of the case today and thus that he is hereby duly notified of same from today and that he will be filing a sworn reply in the time prescribed by law.'

Illi rrizulta fil-fatt li Dr. Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' stralcarju tal-kumpanija in likwidazzjoni Cassar Weaving Limited ipprezenta risposta guramentata fl-atti datata 6 ta' Marzu, 2012 kif isegwi:

'1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici biex tigi ottenuta sentenza minn din il-Qorti ghar-rikonferma tad-debitu tas-socjeta' eccipjenti hija ntempestiva u ma kienx hemm lok li ssir assolutament billi l-kuntratt tal-10 ta' Novembru 2004, esebit mill-istess attrici u markat 'A' huwa fih innifsu titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12, u r-rimedju ghas-socjeta' attrici kien li tipprocedi fil-konfront tad-debitur u tal-garanti bl-azzjoni potekarja ghall-bejgh u rilaxx tal-immobbli soggett ghall-ipoteka, u wara li l-attrici tkun segwiet dak li jipprovdi l-artikolu 2072 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant is-socjeta' eccipjent titlob li tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

2. Dwar l-eccezzjoni preliminari mqajma fir-risposta guramentata ta' Bella Claudia Nicoletta Cassar, din hija nsostenibbli u ghandha tigi respinta wkoll bl-ispejjez kontra taghha billi l-azzjoni ezercitata mis-socjeta' attrici mhijiex l-azzjoni potekarja kif jidher car mill-premessi u t-talbiet fir-rikors guramentat, izda l-azzjoni ghar-rikonferma tad-debitu li huwa wiehed gia cert, likwidu, u li ghalaq kif jirrizulta car mill-kuntratt tal-10 ta' Novembru 2004, dokument 'A';

3. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;

4. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' April 2012 il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar u fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut l-Avukat Dott. Mario Scerri noe liema decizjoni inghatat nhar it-13 ta' Lulju, 2012 fejn gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar u l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri filwaqt li giet milqugha t-tieni eccezzjoni tal-Avukat Dottor Mario Scerri bl-ispejjez thallew rizervati ghall-gudizzju finali;

Rat ix-xhieda, provi u atti kollha esebiti;

Rat illi fil-15 ta' Frar, 2016 l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Il-fatti fil-vertenza odjerna huma kif isegwu:

(i) Illi s-socjeta' konvenuta Cassar Weaving Limited, illum in likwidazzjoni, kienet tokkupa fabbrika fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija minfejn giet zgumbrata.

(ii) Fl-10 ta' Novembru 2004 gie ppubblikat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn l-imsemmija socjeta' kkostitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta' attrici ghall-ammont ta' sitta u disghin elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmu (€96,721.55)[1].

F'dan l-istess kuntratt pubbliku l-konvenuti l-ohra f'din il-kawza ossija Anthony Cassar u Nicoletta Bella Claudia Cassar in sostenn ta' l-obbligi assunti mid-debitrici jinghad li dehru fuq l-att 'bhala garanti, flimkien bejniethom u mad-debitrici'[2] fejn fl-uniku artikolu li jissemmew il-konvenuti jinghad kif isegwi:

'4. In oltre, u in sostenn ta' l-obbligi assunti mid-debitrici fuq dan l-att, il-garanti, b'mod solidali bejniethom u flimkien mad-debitrici, qed jikkostitwixxu favur il-kreditirci accettanti, ipoteka specjali fuq porzjoni ta' art fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, b'faccata fuq Xlendi Road, u markata bin-numru sitta (6) fuq pjanta annessa ma' att tan-Nutar Dottor Silvio Hili tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997).'[3]

(iii) Fir-rikors promotur is-socjeta' attrici ssostni li s-socjeta' konvenuta baqghet moruza fil-hlas u ghalhekk giet intavolata din il-kawza kemm fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kif ukoll fil-konfront ta' Anthony Cassar u Bella Claudia Nicoletta Cassar personalment bit-talba tkun li din il-Qorti:

'1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Cassar Weaving Limited bhala debitirici tal-istanti fl-ammont ta' €85,227.71 u l-konvenuti Anthony Cassar u Bella Claudia Nicoletta Cassar garanti ghal tali ammont;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istanti s-somma ta' €85,227.71.'

(iv) Rat illi permezz ta' decizjoni datata 13 ta' Lulju, 2012 din il-Qorti diversament preseduta ddecidiet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-

[1] Dak iz-zmien ekwivalenti ghal Lm41,522.56
[2] Ara fol. 6.
[3] Ara fol. 7.

konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar u l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Avukat Dott. Mario Scerri noe fejn gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar u l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri filwaqt li giet milqugha t-tieni eccezzjoni tal-Avukat Dottor Mario Scerri bl-ispejjez thallew riservati ghall-gudizzju finali kif isegwi:

*<u>'A. Eccezzjonijiet tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar</u>*

*Illi jehtieg li l-Qorti tghaddi biex tezamina l-ewwel zewgt eccezzjonijiet preliminari, li huma konsegwenzjali ghal xulxin, imressqa mill-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar li jaqraw hekk:*

1. *Illi, preliminarjament, l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija wahda vizzjata u ghaldaqstant nulla u dan stante illi s-socjeta' attrici naqset milli tosserva dak espress fl-artikolu 2072, tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li ma sejhitx lid-debitur ewlieni biex ihallas id-dejn u lill-konvenuta bi protest gudizzjarju biex jew thallas id-dejn jew titlaq il-proprjeta';*

2. *Illi inoltre l-kawza kellha tinfetah wara li jghaddu tletin jum min-notifika tal-protest, hekk kif deskritt fl-art. 2072(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi in vista ta' dawn l-eccezzjonijiet il-Qorti trid tezamina x'tip ta' azzjoni giet esperita mis-socjeta' attrici. Il-konvenuta qeghdha kemm permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet, fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha u anki fis-sottomissjonijiet orali tikkontendi li l-azzjoni ezercita' hija dik maghrufa bhala l-actio ipotecaria. Min-naha l-ohra l-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' Cassar Weaving Limited isostni li l-azzjoni hija wahda ghar-rikonferma tad-debitu.*

*Illi l-punt tat-tluq huwa l-artikolu 2072 tal-Kodici Civili li testwalment jistipula:*

*'(1) Jekk it-terz pussessur ma jitlaqx l-immobbli jew il-hwejjeg mobbli jew ma jhallasx id-dejn li ga ghalaq, il-kreditur ipotekarju jista' jitlob bil-qorti l-bejgh tal-immobbli jew tal-hwejjeg mobbli suggetti ghall-ipoteka, wara li jkun sejjah bi protest lid-debitur biex ihallas id-dejn, u lit-terz pussessur biex ihallas id-dejn jew jitlaq il-fond jew il-hwejjeg mobbli.*

*(2) Din it-talba ma tistax issir qabel ma jghaddu tletin gurnata min-notifika tal-protest lid-debitur u lit-terz pussessur.'*

*Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Anton Scicluna et**[4] l-actio ipotecaria hija azzjoni mibdija permezz ta' rikors guramentat u mahsuba biex ir-rikorrenti jigi dikjarat kreditur ipotekarju tad-dritt ta' l-immobbli u jigi awtorizzat mill-Qorti sabiex jibda l-procedura tas-subasta.*

---

[4] Cit Nru: 1207/2007LFS deciza fis-26 ta' Ottubru 2010

*Illi minn ezami akkurat tal-premessi u t-talbiet attrici jirrizulta li l-azzjoni ezercitata mis-socjeta' attrici mhijiex l-azzjoni ipotekarja izda hija azzjoni ghall-accertazzjoni gudizzjarja tad-debitu. Dan jemani minn dikjarazzjoni li l-istess socjeta' attrici ghamlet fir-rikors promotur meta tghid li 'Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta' konvenuta hi debitrici tal-istanti fl-ammont ta' €85,227.71 u kwindi ghandha tigi kkundannata thallas tali ammont filwaqt li l-konvenuti l-ohra konjugi Cassar bhala garanti ghal tali debitu, ghandhom jigu kkundannati ghall-hlas kemm-il darba s-socjeta' konvenuta tibqa' moruza'. Oltre dan ma saret ebda talba mill-istess socjeta' attrici biex jigi ordnat il-bejgh tal-immobbli ipotekat izda sempliciment talba sabiex is-socjeta' Cassar Weaving Limited tigi dikjarata debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' €85,227.71, u biex il-konvenuti l-ohra jigu dikjarati garanti ghall-hlas ta' dan l-ammont flimkien mad-debitur principali, u lkoll jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici dan l-ammont.*

*Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda peress li l-artikolu citat mhux applikabbli ghall-kaz odjern.*

***B. Eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri nomine fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tal-kumpanija in likwidazzjoni Cassar Weaving Limited***

*Illi dwar l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-Avukat Dottor Mario Scerri nomine din tghid hekk:*

*Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici biex tigi ottenuta sentenza minn din il-Qorti ghar-rikonferma tad-debitu tas-s-socjeta' eccipjenti hija ntempestiva u ma kienx hemm lok li ssir assolutament billi l-kuntratt tal-10 ta' Novembru 2004, esebit mill-istess attrici u markat 'A' huwa fih innifsu titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12, u r-rimedju ghas-socjeta' attrici kien li tipprocedi fil-konfront tad-debitur u tal-garanti bl-azzjoni ipotekarja ghall-bejgh u rilaxx tal-immobbli soggett ghall-ipoteka, u wara li l-attrici tkun segwiet dak li jipprovdi l-artikolu 2072 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant is-socjeta' eccipjent titlob li tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

*Illi mill-atti jirrizulta li fl-10 ta' Novembru 2004 gie ppubblikat kuntratt in atti Nutar Dottor Robert John Muscat. Permezz ta' dan il-kuntratt gie kostitwit kostituzzjoni ta' debitu li fih is-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet li hija debitrici lejn is-socjeta' attrici fl-ammont ta' wiehed u erbghin elf hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm41,522.56) ekwivalenti ghal sitta u disghin elf seba' mija u wiehed u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmu (€96,721.55) rapprezentanti arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni ta' fabbrika fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, Ghawdex ghall-perjodu sat-30 ta' Settembru 2004. Is-socjeta' konvenuta filwaqt li kkonfermat li sa dakinhar l-ammont kien ghadu ma thallasx, ikkonfermat 'ruhha vera, certa u likwida debitrici a favur tal-komparenti kreditrici accettanti fl-imsemmija somma ta' wiehed u erbghin elf hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm41,522.56)'.*

*Illi m'hemmx dubju li l-kuntratt ippubblikat fl-10 ta' Novembru 2004 jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini ta' l-artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jirrizultax*

*lanqas li f'dan il-kuntratt is-socjeta' konvenuta nghatat xi beneficcju ta' terminu ghall-hlas u li b'xi mod ghalhekk is-socjeta' konvenuta ddekadiet minn tali beneficcju. Ghalhekk huwa ferm dubjuz kemm is-socjeta' attrici kellha l-htiega tirrikorri ghal dawn il-proceduri. Madankollu din il-Qorti xorta wahda mhijiex tal-fehma li tilqa' l-eccezzjoni ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri nomine u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju. Certament li dan il-fatt se jittiehed in kunsiderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjez.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar u ghalhekk tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri nomine, filwaqt li tichad ukoll l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri.*

*Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.'*

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi jirrizulta li wara li nghatat id-decizjoni preliminari nqalghu bosta kwistjonijiet fl-atti dwar il-fatt li xi hadd, b'xi mod u ghal xi raguni, kien thalla jidhol fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta li kienet giet maghluqa u ssigillata wara 'eviction order' mill-istess socjeta' attrici fi Frar, 2010 b'dana li l-mobbli kollha li kienu fiha u li l-konvenuta Bella Cassar issostni li kienu jiswew bosta eluf jekk mhux fuq miljun Euro ittiehdu mill-istess fabbrika. Bella Cassar sostniet li kien sar xi tip ta' rkant mis-socjeta' attrici u li ghalhekk is-socjeta' attrici kellha tiddikjara x'ghamlet bil-qliegh ta' dan l-irkant u li r-rikavat kellu jitnaqqas mill-flus dovuti f'din il-kawza. Irrizulta izda lil din il-Qorti mill-bosta provi u xhieda li tressqu dwar din il-kwistjoni li s-socjeta' attrici mhux talli ma ghamlet l-ebda profitt minn dan kollu anzi ghamlet aktar telf ghaliex kien fuq talba ta' Anton Cassar u s-siehba tieghu Anabelle Camilleri Monreal li wara li ghamlu laqghat mas-socjeta' attrici (ara xhieda tal-Avukat Dr. Katrina Borg Cardona fol. 336 et seq) ftehmu maghha li jkun hemm jiem fejn is-socjeta' attrici tibghat ir-rapprezentant taghha u cioe' lil Reno Agius (ara xhieda fl-atti fol. 250 u fol. 287 u dokumenti b'ritratti esebiti minnu) flimkien mal-pulizija sabiex jinfetah is-sit u minn hemmhekk jittiehdu l-mobbli. X'sar minn dawn il-mobbli wara li hargu mill-fabbrika f'diversi jiem jafu biss l-istess Anabelle Camilleri Monreal (xhieda a fol. 237) u forsi Anton Cassar (jekk din infurmatu x'kien qed jigri – xhieda a fol. 232) u jista' jkun ukoll ix-xhud Noella Vella (ara fol. 298 u 370) li ghalkemm xehdet quddiem din il-Qorti li dakinhar li marret il-fabbrika mar-ragel ma xtrat xejn ma xehditx quddiem din il-Qorti dwar x'setghet ghamlet wara. Dan apparti xi mobbli li ttiehdu minn certu Jesmond Muscat li jopera bl-isem ta' 'The Three Barrels'. Il-Qorti

fehmet li bosta mix-xhieda dwar dan l-incident setghu facilment kienu qed jixhdu fuq okkazzjonijiet diversi meta din il-fabbrika kienet qed tinfetah sabiex jingarru l-mobbli minn Anabelle Camilleri Monreal u Anton Cassar u huwa ghalhekk li l-verzjonijiet ivarjaw bejn xhud u iehor (fosthom ix–xhieda ta' Jeremy Cassar (fol. 309), Bella Cassar (fol. 320), Alda Bugeja (fol 349), Noella Vella u r-ragel taghha George Vella (fol. 358).

Il-Qorti wara li rat dawn il-provi kollha tqis li x-xhieda moghtija minn Anabelle Camilleri Monreal certament mihijiex wahda veritiera stante li l-provi kollha jippontaw lejha bhala l-persuna li organizzat it-trasferiment tal-mobbli filwaqt li ghandha dubji serji kemm Anton Cassar kien jaf x'kienet qed tippjana l-istess Anabelle Camilleri Monreal fil-konfront tal-mobbli li kienu fil-fabbrika. Irrizulta izda ppruvat li mhux minnu li s-socjeta' attrici ghamlet xi profitt mill-mobbli li kienu fil-fabbrika anzi pjuttost harget mill-but biex thallsu l-haddiema u l-pulizija f'kull jum li dawn kellhom imorru fuq il-post sabiex jifthu u jkunu jistghu jinhargu l-mobbli. Ghalhekk il-Qorti tqis li din il-linja ta' difiza da parti tal-konvenuti fil-konfront tas-socjeta' attrici mihijiex gjustifikata.

L-ammont dovut:

Fir-rigward tal-ammont rikjest f'din il-kawza mhux kontestat mill-konvenuti illi sar kuntratt fl-10 ta Novembru, 2004 (fol. 6) u li l-ammont indikat fuq l-iskrittura kien principalment dovut mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici tindika li mad-data tar-rikors guramentat is-somma dovuta kienet ftit anqas minn dak indikat fil-kuntratt u cioe' dik ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u sebgha u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,227.71). Il-konvenuti jikkontestaw li huma garanti solidali u flimkien mas-socjeta' personalment izda jsostnu li huma ghamlu garanzija biss tramite l-proprjeta' appuntu ipotekata fl-istess kuntratt u xejn aktar u cioe' l-istess art li l-konvenut Anthony Cassar iddikjara li kien qed jirrilaxxja a favur tas-socjeta' attrici permezz tan-nota tieghu a fol. 153.

Tista' tghid li fl-atti l-unika prova li tressqet dwar l-ammont kif suppost dovut lis-socjeta' attrici kien ix-xhud Joseph Zammit (Kap tal-Finanzi tal-Malta Enterprise) li xehed a fol. 221 u 228 tal-process. Illli biex wiehed jifhem ezatt x'inhi l-pretensjoni tas-socjeta' attrici l-parti saljenti tax-xhieda tieghu a fol. 228 *et seq* taqra kif isegwi:

‘Xhud:
Ta’ eighty five thousand two hundred and seven u seventy one cents (85,207.71) huwa korrett u dak jinkludi l-invoicing kollu sad-data ta’ meta l-MIP hadet f’idejha l-fabbrika, jigifieri fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010).

Avukat:
Jigifieri spjega ezattament kif, x’verifiki ghamilt u kif wasalt ghalihom.

Xhud:
Ehe, le ghax hu kien hemm, fl-istess rikors hemm imnizzel illi f’Novembru tal-elfejn u erbgha (2004) kien sar agreement ta’ forty one thousand five hundred and twenty two (41,522).

Avukat:
Maltin jew Euros?

Xhud:
Maltin . . . jigu ninety six thousand seven hundred and twenty one Euro (€96,721)

Avukat:
Sadanittant imbaghad iddekorrew pagamenti ohrajn?

Xhud:
Sadanittant kien hemm settlements jew pagamenti jew set offs kontra incentivi ecceetra, ta’ mija u tlieta u ghoxrin elf (123,000) . . . . Euro dejjem . . . . jigifieri l-ammont tnaqqas, imma sadanittant baqghet tiddekorri l-kera fuq il-fabbrika sad-data kien qeghdin nghidu, ta’ Frar elfejn u ghaxra (2010).

Avukat:
Issa, u l-pagamenti li int qed taghmel referenza ghalihom f’hiex jikkonsistu? Huma pagamenti cash jew inkella hemm xi affarijiet ohra?

Xhud:
Huma mhallta, huma parti minnhom cash, imma kien hemm parti sostanzjali li huma sets kontra transport grants lill-kumpanija.

Avukat:
Incentivi jigifieri?

Xhud:
Incentivi ezatt, imma li nqatghu kontra l-kera . . . kontra l-kera li bdiet, il-kera kurrenti jigifieri li bdejna ninvojsjaw . .

Avukat:
Ta' wara l-agreement, mhux ta' qabel l-agreement?

Xhud:
Ta' wara l-agreement.

Avukat:
Ghax dak iz-zmien kien hemm l-MIP u l-Malta Industrial Parks ticcargja nteressi fuq il-kirja, mentri fuq l-ammont li kien dovut ta' repayment agreement tat-two thousand and four (2004) ma kienx hemm interessi at the stage, dak iz-zmien kien perentesi.

Avukat:
Meta dahlet fix-xena l-MIP?

Xhud:
Fl-elfejn u hamsa (2005).'

Il-Qorti tinnota li ghalkemm ix-xhud ikkonferma l-ammont skont ir-rikors fil-fatt l-ammont fix-xhieda huwa ftit anqas b'differenza zghira stante li fir-rikors jinghad hamsa u tmenin elf, mitejn u sebgha u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,227.71) filwaqt li fix-xhieda gie traskritt li l-pretensjoni kienet ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u seba' Euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,207.71). Ma gie prezentat l-ebda dokument sabiex din il-Qorti tkun tista' tivverifika liema ammont huwa verament dak korrett.

Illi fir-rigward tal-ammont dovut fis-sottomissjonijiet taghha l-konvenuta Bella Claudia Cassar tissottometti kif isegwi:

1.1. '. . .Ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kumpanija attriċi u l-esponenti (kif ukoll il-konvenut Anthony Cassar) insorġiet permezz tal-kuntratt mertu ta' din il-kawza u dana fil-parametri ta' l-istess kif hawn fuq spjegati. Huwa relevanti illi

l-kuntratt in kwistjoni gie ppubblikat nhar l-10 ta' Novembru, 2004 u d-debitu fih imsemmi jirrapprezenta – skont il-paragrafu bin-numru wiehed (1) ta' l-istess kuntratt – "arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-Fabbrika bl-ittra E li tinstab gewwa l-Qasam Industrijali tax-Xewkija, ghall-perjodu sat-30 ta' Settembru, 2004". Il-kumpanija konvenuta Cassar Weaving Limited baqghet tokkupa l-istess fabbrika ghal snin wara l-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt u senjatament sa nhar it-8 ta' Frar, 2010 meta l-kumpanija attrici rriprendiet il-pussess tal-fabbrika in segwitu ghal *eviction order* ta' nhar is-16 ta' April, 2009 (*vide* d-dokumenti ezebiti bhala dokument "X" waqt l-udjenza ta' nhar l-4 ta' Ottubru, 2013). Naturalment bejn nhar it-30 ta' Settembru, 2004 (id-data sa meta l-kumpanja konvenuta Cassar Weaving Limited irrikonoxxiet dejnha) u nhar it-8 ta' Frar, 2010 (id-data ta' l-izgumbrament) il-kera baqghet tiddekorri. Ghal dan il-perjodu, l-esponenti la rrikonoxxiet id-dejn u lanqas offriet xi garanzija personali jew xort'ohra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, wiehed kien jistenna illi l-kumpanija attrici, ladarba ghazlet li tipprocedi anke kontra l-esponenti abbazi tal-kuntratt anness mar-rikors mahluf, tipprezenta rendikont jew "statement" illi juri li l-ammont reklamat minnha kien jirrapprezenta ammont dovut sa mhux aktar tard min-nhar it-30 ta' Settembru, 2004 u bhala tali kien jaqa' fl-ambitu tal-kuntratt li jifforma l-bazi tal-pretensjoni attrici u mhux li kien dovut ghal xi perjodu sussegwenti. Il-kumpanija attrici ma ghamlet xejn minn dan: hija ma pprezentat l-ebda dokument, prospett, rendikont jew "statement" u dana kuntrarjament ghal dak li solitament isir f'dawn it-tip ta' kawzi. Minn din l-ottika, huwa sottomess illi filwaqt li dina l-Onorabbli Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni illi d-dejn reklamat f'din il-kawza huwa tabilhaqq dovut mill-kumpanija konvenuta Cassar Weaving Limited, ma hemm xejn x'jindika li tali dejn ghamlet b'xi mod tajjeb ghalih – *propter rem* jew xort'ohra – l-esponenti. Fin-nuqqas ta' tali provi konkreti, l-esponenti umilment tissottometti illi l-kumpanija attrici naqset milli tissoddisfa l-oneru tal-prova mpost fuqha sabiex tipprova li ghandha xi jeddijiet fil-konfront ta' l-esponenti;

1.2. Biex jinghad kollox, waqt l-udjenza ta' nhar is-17 ta' Jannar, 2013, il-kumpanija attrici pproduciet bhala xhud taghha lil Joseph Zammit li xehed dwar il-figuri minghajr ma ezebixxa xi dokumentazzjoni. Huwa xehed illi skont il-kuntratt mertu ta' din il-kawza d-debitu dovut lill-kumpanija attrici kien ta' sitta u disghin elf seba' mija wiehed u ghoxrin Euro (€96,721) – cjoè l-ammont ta' wiehed u erbghin elf hames mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm41,522.56) li jidher fuq il-kuntratt mertu ta' din il-kawza – u "sadanittant kien hemm settlements jew pagamenti jew set offs kontra ncentivi eccetra, ta' mija u tlieta u ghoxrin elf Euro (€123,000)". Huwa jghid illi però dan il-pagament ma giex imputat ghad-dejn dovut bis-sahha tal-kuntratt mertu ta' din il-kawza izda kontra l-kirjiet kurrenti li gew dovuti wara l-kuntratt mertu ta' din il-kawza ghaliex fuq dawn il-kirjiet kienu ser jiddekoru l-imghaxijiet. Ghal darb'ohra ma gie ezebit l-ebda dokument kwalsijasi in sostenn ta' din ix-xhieda. Imma anke qari ta' din ix-xhieda fid-dawl ta' dak li l-ligi tghid dwar ir-regoli ta' imputazzjoni ta' pagament juri kemm, f'kull kaz, il-kumpanija attrici ma ghandha l-ebda jeddijiet tvanta xi pretensjonijiet taht il-kuntratt mertu ta'

din il-kawza. Kien hemm dejn antik kopert bil-kuntratt mertu ta' din il-kawza u dejn gdid ta' kirjiet kurrenti. Id-dejn l-antik kien ta' madwar sitta u disghin elf seba' mija wiehed u ghoxrin Euro (€96,721) u saru pagamenti ta' madwar mija u tlieta u ghoxrin elf Euro (€123,000). L-imputazzjoni tal-pagament, skont l-artikolu 1171 (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kellha ssir kif gej: ***il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b'garanzija qabel dejn ieħor mhux hekk imsahhah; u fuq id-dejn bi privilegg jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew b'ipoteka***. Dan ifisser illi ladarba d-dejn antik kien munit b'garanzija ipotekarja, il-kumpanija attrici ma setghetx timputa l-pagamenti li saru wara l-kuntratt mertu ta' din il-kawza ghal dejn iehor izda kellha timputah ghad-dejn mertu tal-kuntratt li fuqu issejset dina l-kawża. Japplika wkoll l-artikolu 1171 (g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi: ***meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jhallas dejn qabel ieħor, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn l-iżjed qadim***. Anke f'dan il-każ, id-dejn l-izjed qadim huwa d-dejn mertu tal-kuntratt imsemmi u mhux il-kirjiet kurrenti. Ir-regoli ta' imputazzjoni li ghandhom jigu segwiti huma dawk stipulati mil-ligi. Anqas kieku kellu jinghad li deroga minn tali regoli hija ammissibbli, hadd mill-kontendenti ma gab xi prova ta' xi ftehim li jmur kontra l-ligi senjatament kontra r-regoli ta' imputazzjoni ta' hlas kontemplati mil-ligi. Dan ifisser li l-kumpanija attrici kellha taqbad il-pagament fl-ammont ta' madwar mija u tlieta u ghoxrin elf Euro (€123,000) li *ex admisses* thallas mill-kumpanija konvenuta lill-kumpannija attrivi u timputah ghad-dejn mertu tal-kuntratt. Hija ma setghetx taghmel mod iehor ghaliex kienet tkun qeghda tagixxi kontra l-ligi. Dan ifisser illi bil-pagament li l-kumpanija attrici stess tghid illi sar in segwitu ghall-kuntratt mertu ta' dina l-kawza, id-dejn mertu tal-kuntratt li fuqu saret dina l-kawza, ġie estint. Dan ma jfissirx illi l-kumpanija attrici ma ghandhiex kreditu fil-konfront tal-kumpanija konvenuta Cassar Weaving Limited izda illi dan id-debitu bil-fors jirrisali ghal perjodu li jifi wara l-perjodu kopert bil-kuntratt mertu ta' dina l-kawza u ghal-liema perjodu l-esponenti ma tat l-ebda garanzija kwalsijasi;

Illi ghalkemm ma nghatatx eccezzjoni mill-konvenuta Bella Cassar specifikatament dwar dan il-punt, jibqa' l-fatt li l-ewwel obbligu tal-prova li l-ammont huwa verament dovut kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici u mhux fuq il-konvenuti. Apparti minn hekk is-socjeta' konvenuta fil-fatt ressqet eccezzjoni generali fil-mertu a fol. 57 u 58 tal-process u li hija l-eccezzjoni li ghadha in vigore da parti tas-socjeta' konvenuta liema eccezzjoni ssostni li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi bhala prova tal-kostituzzjoni ta' debitu u l-ammont dovut skont l-istess kostituzzjoni m'hemmx dubju li l-vera kopja tal-kuntratt esebita a fol. 6 tal-process hija sufficjenti bhala prova li nhar l-10 ta' Novembru, 2004 is-somma ta' wiehed u erbghin Elf hames mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm41,522.56) kienet dovuta mis-

socjeta' konvenuta u mill-atturi bhala garanti, minghajr ma f'dan l-istadju l-Qorti tiddikjara ruhha dwar il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Bella Cassar.

Illi izda huwa minnu li x-xhieda tal-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici Joseph Zammit a fol. 221 u 228 tal-process tqajjem bosta dubji dwar liema ammonti huma verament dovuti lis-socjeta' attrici. Fil-fatt fl-ewwel xhieda a fol. 221 ix-xhud beda jsemmi bosta figuri dwar kif is-somma suppost dovuta ta' wiehed u erbghin Elf hames mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm 41,522) naqset ghal tmienja u tletin Elf u mitejn u tletin Euro (€38,230) u mbghad skont hu zdied bilanc iehor ta' hmistax-il elf, mitejn u sebgha u hamsin Euro (€15,257) u li ghalhekk sal-ahhar ta' Dicembru, 2007 u konsegwentement anki bil-bilanc li sar dovut sal-2010 il-bilanc kien dak ta' tlieta u hamsin elf, erba' mija u sebgha u tmenin Euro (€53,487). F'dik l-ewwel xhieda x-xhud instema ferm incert dwar liema bilanci appuntu kien qed jintalab il-hlas taghhom u ghal-liema zmien kienu jirreferu. Fil-fatt ghalkemm dakinhar issemma' xi 'statement' li x-xhud kellu f'idejh dan effettivament dan qatt ma gie esebit fl-atti.

Fix-xhieda moghtija fis-17 ta' Jannar, 2013 a fol. 228 tal-process u li gia giet riportata aktar 'il fuq f'din id-decizjoni ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed li l-ammont dovut kien wiehed kompletament differenti minn dak indikat fl-ewwel xhieda u cioe' dak ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u seba' Euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,207.71) liema ammont issa xorta wahda ma jikkombacax ezatt ma' dak mitlub fir-rikors guramentat. Spjega izda li fil-mori kienu saru bosta pagamenti lis-socjeta' attrici ammontanti ghas-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf Euro (€123,000). Jghid izda li dawn l-ammonti tnaqqsu minn ammonti ohra dovuti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta mhux skont il-kuntratt imsemmi fir-rikors guramentat, nonostante li dawn saru dovuti wara dak dikjarat fil-kuntratt u dan ghaliex skond l-istess xhud fuq dawn l-ammonti aktar recenti kien qed jiddekorri mghax filwaqt li fuq dak tal-iskrittura ma kien qed jiddekorri l-ebda imghax. Nonostante dan kollu izda fl-atti s-socjeta' attrici ma pprezentat l-ebda 'statement' jew dokumentazzjoni li b'xi mod tevidenzja l-ammonti kollha dovuti lis-socjeta' attrici, kif saru dovuti tul iz-zmien, wisq anqas il-pagamenti kollha li saru mis-socjeta' konvenuta anki permezz ta' tisrif ta' incentivi u lanqas xi dokument li jevidenzja li verament fuq l-ammonti li saru dovuti wara kien qed jghaddi l-imghax u fuq dak dovut skont il-kuntratt

ma kienx qed jiddekorri imghax. Il-Qorti tqis li dawn huma nuqqasijiet serji li jwasslu li l-Qorti jkollha dubji serji dwar liema ammonti ezatt is-socjeta' attrici qed tippretendi hlas mill-konvenuti permezz ta' din il-kawza.

Il-Qorti tqis li r-referenza ghall-kuntratt ta' l-10 ta' Novembru, 2004 fir-rikors guramentat aktar sar b'mod ta' konvenjenza da parti tas-socjeta' attrici anki ghaliex dan kien garantit b'xi mod mill-konvenuti Cassar u mhux ghaliex verament dak kien l-ammont li verament kien ghadu dovut lilha. In oltre, fir-realta' fir-rikors guramentat is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-imghax fuq l-ammont allegatament dovut kif rizultanti mill-kuntratt tal-10 ta' Novembru, 2010 u ghalhekk jirrizulta li mhux minnu li tezisti almenu din id-distinzjoni bejn id-debitu l-antik u dak ta' wara l-kuntratt sas-sena 2010 kif espress mix-xhud Joseph Zammit u li skont is-socjeta' attrici kien jiggustifika li l-pagamenti li saru ma jinqatghux (kif tesigi l-ligi) mill-ammont kif dovut skont l-istess kuntratt (ghaliex huwa d-dejn l-aktar antik u hemm ipoteka marbuta mieghu) u jinqatghu minn debiti aktar recenti.

Illi din il-Qorti rat l-artikolu 1171 kollu u in partikolari is-sub-artikolu 1171 (d) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra illi 'l-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b'garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah; u fuq id-dejn bi privilegg jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew b'ipoteka.'

Il-Qorti tqis li fl-atti s-socjeta' attrici naqset milli taghti gjustifikazzjoni legali ghalfejn fil-pagamenti ammessi li saru lilha mis-socjeta' konvenuta, u li jammontaw ghal somma ferm akbar ta' mija u tlieta u ghoxrin elf Euro (€123,000) minn dik dovuta skont il-kuntratt tal-10 ta' Novembru, 2004 cioe' dik ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u sebgha u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin Euro (€85,227.71), kif dikjarat fir-rikors guramentat, hija ma applikatx il-principju mpost fl-artikolu 1171 (d) u cioe' li d-dejn kopert b'ipoteka kif inhuwa l-kaz tal-kuntratt tal-10 ta' Novembru, 2004 ma giex meqjus imhallas qabel dejn iehor li fuq kollox sar dovut wara b'ammissjoni tal-istess xhud tas-socjeta' attrici u li huwa wkoll id-dejn l-aktar antik (ara l-artikolu 1171 (g)). Il-Qorti tqis ukoll li l-pretensjoni dwar id-distinzjoni minhabba l-imghax imqajjma mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma giet pruvata lil din il-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi. Fi kwalunkwe kaz la darba s-socjeta' attrici qed titlob ukoll il-hlas tal-imghax fir-rikors guramentat ma jirrizultax li huwa

minnu li, anki li kieku fuq l-ammonti l-ohra kien hemm l-imghax, li verament tezisti din id-distinzjoni bejn iz-zewg debiti.

Illi huwa evidenti lil din il-Qorti li s-socjeta' attrici llimitat it-talba taghha fir-rikors guramentat unikament ghal pretensjoni ta' kreditu dovut mill-konvenuti lilha ai termini tal-kuntratt datat 10 ta' Novembru, 2004 (u mhux dejn iehor tas-socjeta' konvenuta) anki ghaliex il-konvenuti Cassar mhumiex kredituri taghha fir-rigward ta' krediti ohra mhux inkluzi fil-kuntratt imsemmi u ghaldaqstant f'dak il-kaz it-talbiet tas-socjeta' attrici in kwantu diretti wkoll fil-konfront tal-konvenuti Cassar personalment legalment ma kienux ireggu. Il-Qorti in vista ta' dak suespost, u wara li rat l-atti kollha tal-kawza tqis li s-socjeta' attrici naqset milli tressaq provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi sabiex tevidenzja quddiem din il-Qorti li l-ammont reklamat li ghadu dovut mill-konvenuti jew min minnhom lis-socjeta' attrici kif pretiz fir-rikors guramentat huwa appuntu s-somma ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u sebgha u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,227.71) emanenti mill-kuntratt datat 10 ta' Novembru, 2004 anzi l-provi mressqa minnha stess juru li dan l-ammont fil-fatt gie sodisfatt b'pagamenti li jmorru ferm oltre din is-somma u li kwalunkwe dejn li jista' jkun ghadu dovut lis-socjeta' attrici (u li ser jibqa' impregudikat) ma jemanix mill-kuntratt imsemmi fir-rikors guramentat u li fuqu hija bbazata l-kawza odjerna.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Eccezzjonijiet ta' Bella Claudia Nicoletta Cassar:

Stante dak kollu suespost li ser iwassal sabiex din il-Qorti tichad it-talbiet attrici l-Qorti tqis li jkun superfluwu li tinoltra ruhha fl-eccezzjonijiet l-ohra li ghadhom vigenti kif mqajjma mill-konvenuta.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti u in vista tas-suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li t-talbiet attrici fil-meritu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li jirrizulta sufficjentement pruvat li l-ammont dovut ai termini tal-

kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat 10 ta' Novembru, 2004 gie debitament saldat mis-socjeta' konvenuta;

2. Konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici, salvi u mpregudikati d-drittijiet tas-socjeta' attrici ghal kwalunkwe ammonti li jistghu jirrizultaw li ghadhom dovuti lis-socjeta' attrici skont il-ligi mis-socjeta' konvenuta izda mhux emanenti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat 10 ta' Novembru, 2004;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur